MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Numru. 159/2006

Il-Pulizija
Spettur Mario Tonna
Spettur Carmelo Abdilla
vs
Muftah M Ali Shaibi
Aljyashy Hisam Al Bleed

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli nhar id-19 ta' Frar 2006, ghall-habta ta' 4.30 a.m. gewwa ix-xatt tal-Bajja ta' San Gorg San Giljan bla ordni skond il-ligi ta' Awtorita kompetenti, issekwestraw jew zammew lil Jeffrey Schembri u lil Donna Brincat mill-Fgura kontra l-volonta taghhom, kontra l-ligi u dan ai termnu tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, data, hin taht l-istess cirkostanzi ikkagunaw griehi fuq il-persuna ta' Jeffrey Schembri u

Donna Brincat mill-Fgura u dan skond kif iccertifika Dr T. Mizzi LL.D. tac-centru tas-sahha tal-Gzira u dan ai terminu tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Muftah M Ali Shaibi wahdu akkuzat :

Talli fid-19 ta' Frar 2006 ghall-habta ta' 4.30 a.m. gewwa ix-xatt tal-Bajja ta' San Gorg San Giljan ikkommetta attentat vjolenti fuq il-pudur ta' Donna Brincat mill-Fgura u dan ai termini tal-Artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi offenda il-pudur jew morali b'ghemil li ghamel f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan ai terminu tal-Artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aljyasha Hisam Al Bleed wahdu akkuzat :

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi wahdu hebb ghall-persuni ta' Jeffrey Schembri mill-Fgura sabiex jingurjah jew jaghmillu hsara u dan ai terminu tal-Artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputati iwiegbu li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet liz-zewg imputati, debitament assistiti, volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-imputatazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u dana waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2006 u semghet lill-istess imputati fuq imsemmija debitament assistiti itennu li riedu jirregistraw din l-ammissjoni waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu, 2006.

Ghaldaqstant il-Qorti fuq ammissjoni volontarja taz-zewg imputati ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom qeghda issib lill-istess imputati **<u>hatja</u>** ta' dawn l-istess imputazzjonijiet, u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli

86, 221 (1), 207, 209, 339 (1) (d), 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi fil-jum, post u hin kif indikat fl-imputazzjoni iz-zewg imputati fuq imsemmija marru fuq Donna Brincat u il-boyfriend taghha Jeffrey Schembri, illi kienu qeghdin jinnamraw fil-bajja li hemm vicin id-Dragonara San Giljan. L-imputat Bleed qabad lil Donna minn idejha u waqqghaha ma l-art u l-imputat Shaibi qabad lil Jeffrey u ressqu dahru mal-hajt. Bleed ghamel xuftejh ma xuftejn Donna u zammha minn spallejha biex ma tkunx tista tahrab. L-imputat Shaibi kien qieghed izomm lil Jeffrey f'dan il-hin. F'hin minnhom l-imputat Bleed ghamel idejh taht id-dublett ta' Donna u messilha il-parti taghha minn fuq il-qalziet ta' taht. Sa dan it-tant Jeffrey gie quddiem Donna, qabadha minn idejha u Jeffrey u Donna imxew 'l hemm u z-zewg imputati telqu n-naha l-ohra. Fil-frattemp lahqu lil Donna u lil Jeffrey il-hbieb taghhom Diandra u Ivan, u Donna u Jeffrey marru jaghmlu rapport l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan. Izda fil-frattemp, peress illi kienu cemplu lill-pulizija, il-pulizija gew fuq il-post u qabdu liz-zewg imputati u arrestawhom dak il-hin stess. Jeffrey u Donna marru il-polyklinika tal-Gzira fejn gew ezaminati minn tabib u inhargilhom certifikat mediku.

Illi irrizulta illi Jeffrey matul dan l-incident qala zewg daqqiet ta' ponn.

Ikkunsidrat :

Illi mic-certifikati medici li gew esebiti u gew ukoll ikkonfermati bil-gurament minn Dr Tania Mizzi irrizulta illi Donna Brincat kienet qeghda issofri minn stat ta' anzjeta, izda kellha "no apparent injuries". Il-Qorti tirrileva li ma giex prodott certifikat mediku fil-konfront ta' Jeffrey ghaliex l-unika certifikat mediku iehor jirrigwarda lil Tiffany Schembri u mhux lil Jeffrey.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-ufficjal prosekutur iddikjara illi l-imputati ikkoperaw ferm mieghu matul l-investigazzjoni kollha, kif ukoll il-fatt illi ghandhom fedina penali netta. Illi in kwantu ghall-vittma Donna Brincat, hija xehdet illi ma tistax taccetta l-iskuza ta' l-imputat ghal dak illi gara u li tixtieq huwa mhux illi l-imputati jmorru il-habs imma li jitkeccew minn Malta u qatt ma jerghu jirritornaw. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi wiehed mill-imputati ilu zmien Malta u ghandu wkoll il-permess sabiex jahdem hawn hekk u l-imputat l-iehor jigi spiss Malta u f'dan il-kaz, wara li tinghata s-sentenza, l-ufficjal prosekutur informa lill-Qorti illi z-zewg imputati fuq imsemmija ser jitkeccew minn Malta.

Il-Qorti ghalhekk tara illi z-zewg imputati fuq imsemmija ser ikunu hadu l-piena taghhom anke ghall-fatt biss illi ser jitkeccew minn Malta.

Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi z-zewg imputati fuq imsemmija ilhom arrestati u detenuti l-habs ta' Kordin mill-20 ta' Frar ta' din is-sena, jigifieri xahar u jumejn.

Illi in vista tad-dikjarazzjonijiet kemm tal-ufficjal prosekutur, kif ukoll tal-vittma Donna Brincat, il-Qorti tara illi mhuwiex kaz illi tigi imposta fuq iz-zewg imputati piena ta' prigunerija effettiva, izda piena ta' prigunerija sospiza u ghalhekk, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, tikkundanna liz-zewg imputati fuq imsemmija ghal prigunerija ta' sentejn sospiza ghal erba snin mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car ai termini tal-Artikolu 28 B tal-Kap. 9 bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------